



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Jannar 2019  
(OR. en)

5152/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0229 (COD)**

---

ECOFIN 17  
UEM 8  
CODEC 48  
CADREFIN 6  
COMPET 20  
ENER 7  
TRANS 5  
ENV 19  
EF 6  
EDUC 9  
TELECOM 6  
CULT 10  
FSTR 1  
AUDIO 5

**NOTA**

---

|          |                                                                                                                                            |
|----------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                           |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (parti 2) / Kunsill                                                                                  |
| Suġġett: | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li<br>jistabbilixxi l-Programm InvestEU<br>- Nota ta' Analiżi mill-Presidenza |

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmez Nota ta' Analiżi mill-Presidenza dwar l-InvestEU.

# NOTA TA' ANALIŻI MILL-PRESIDENZA

## I. INTRODUZZJONI

1. Fis-6 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm InvestEU<sup>1</sup>.
2. Il-proposta ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Hídma tal-Kunsillieri Finanzjarji fi tlettax-il laqgħa sa issa, u ġiet diskussa fil-laqgħa informali tal-ministri tal-ECOFIN fi Vjenna fit-8 ta' Settembru 2018. B'riżultat tan-negozjati li saru sa issa, il-Presidenza tqis li hemm appoġġ ġenerali għar-razzjonalizzazzjoni proposta ta' 14-il strument finanzjarju fi programm wieħed, imsejsa fuq l-esperjenza pożittiva tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS). Id-delegazzjonijiet jappoġġaw ukoll il-ftuħ tal-aċċess għall-garanzija tal-UE għal istituzzjonijiet finanzjarji li mhumiex il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI).
3. Inkiseb progress fin-negozjati permezz tat-tfassil ta' sħubija bejn il-Kummissjoni u l-BEI fil-programm InvestEU. Is-sħubija proposta tirrifletti r-rwol ċentrali tal-BEI u tiżgura li jsir użu sħiħ mill-għarfien espert tiegħu, pereżempju billi tiġi fdata lill-BEI l-valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-portafoll tal-garanzija tal-UE.
4. Madankollu, il-Presidenza identifikat żewġ kwistjonijiet ċentrali ppreżentati hawn taħt li, għal konklużjoni b'suċċess tan-negozjati tal-Kunsill, qed tintalab gwida għalihom mingħand il-ministri.

## IIa. KWISTJONI ĊENTRALI NRU 1: GOVERNANZA

5. Fil-proposta tagħha għall-governanza tal-programm InvestEU, il-Kummissjoni ddevjat mill-istruttura tal-FEIS, fost oħrajn biex tirrifletti l-involvement ta' sħab oħra fl-implimentazzjoni li mhumiex il-BEI. Differenzi importanti fl-istruttura proposta mill-Kummissjoni għall-governanza tal-InvestEU, meta mqabbel mal-FEIS, jinkludu l-introduzzjoni ta' tim tal-proġett u l-introduzzjoni ta' bord konsultattiv, b'żewġ konfigurazzjonijiet (waħda bir-rappreżentanti tal-istati membri u l-oħra bir-rappreżentanti tas-sħab fl-implimentazzjoni). Għall-kuntrarju tal-FEIS, il-proposta tal-Kummissjoni ma tippredix bord ta' tmexxija għall-programm InvestEU.

---

<sup>1</sup> Dok. ST 9980/18 + ADD 1-6

6. Il-proposta tal-Kummissjoni għall-istruttura ta' governanza tal-InvestEU ntlaqgħet b'reżistenza minn għadd kbir ta' delegazzjonijiet, li saħqu li l-istruttura ta' governanza proposta kienet kumplessa żżejjed. Barra minn hekk, id-delegazzjonijiet jixtiequ jiżviluppaw fuq l-esperjenza pożittiva tal-FEIS, waqt li jirrikonoxxu wkoll ir-rwol tal-iżhab l-oħra fl-implimentazzjoni li mhumiex il-BEI.
7. Fid-dawl ta' dan kollu, id-delegazzjonijiet huma tal-fehma li l-istabbiliment ta' tim tal-proġett ma jkunx meħtieġ, u li l-kompiti tiegħu jistgħu jwettquhom minflok u l-Kumitat tal-Investment u s-segretarjat tiegħu. Id-delegazzjonijiet jaqblu wkoll li l-bord konsultattiv propost jista' jiġi simplifikat billi tkun prevista kompożizzjoni waħda unika li tinkludi kemm rappreżentanti tal-istati membri kif ukoll rappreżentanti mis-sħab fl-implimentazzjoni.
8. Barra minn hekk, id-delegazzjonijiet esprimew ix-xewqa li jintroduċu bord ta' tmexxija, li b'hekk jirrifletti l-governanza tal-FEIS. Biex jittieħed kont tal-parteċipazzjoni fl-InvestEU tal-iżhab l-oħra fl-implimentazzjoni li mhumiex il-BEI, daww is-sħab l-oħra fl-implimentazzjoni għandhom ukoll ikunu rappreżentati fil-bord ta' tmexxija, flimkien mal-Kummissjoni u l-BEI. Id-delegazzjonijiet jaqblu li l-mandat tal-membri tal-bord ta' tmexxija għandu jkun allinjat mal-perijodu tal-qafas finanzjarju pluriennali. Il-modalitajiet tal-votazzjoni u l-kompożizzjoni tal-bord ta' tmexxija għandhom jirriflettur r-rwol importanti tal-Kummissjoni li tidderieġi l-politika tal-programm, kif ukoll ir-rwol tal-BEI bħala s-sieħeb ewlieni fl-implimentazzjoni, responsabbli għall-implimentazzjoni ta' 75% tal-garanzija tal-UE.
9. Id-delegazzjonijiet enfasizzaw l-importanza tal-indipendenza tal-Kumitat tal-Investment u s-segretarjat tiegħu.
- Il-ministri jaqblu li l-istruttura proposta tal-governanza tirrifletti l-bilanċ ġust u li l-ħidma fil-livell tekniku għandha tkompli fuq din il-bażi?

**IIb. KWISTJONI ĊENTRALI NRU 2: ALLOKAZZJONI TAL-GARANZIJA TAL-UE LIL SħAB OħRA FL-IMPLIMENTAZZJONI LI MHUMIEX IL-BEI (25%)**

10. Innovazzjoni tal-programm InvestEU meta mqabbel mal-FEIS predeċessur tiegħu huwa l-fatt li sħab oħra fl-implimentazzjoni li mhumiex il-BEI għandhom aċċess dirett għall-garanzija tal-UE. 25% tal-garanzija tal-UE huma riżervati għal sħab fl-implimentazzjoni bħal dawn. Ir-raġunament wara dan l-aċċess aktar wiesa' hu li jiġu komplementati l-isforzi tal-BEI u bħala tentattiv biex jinkisbu riżultati f'għadd ta' oqsma jew postijiet identifikati bħala punti debboli jew mhux servuti tajjeb wara l-esperjenza tal-FEIS.

11. Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi li l-Kummissjoni, meta tagħżel sħab fl-implimentazzjoni, għandha tiżgura li għadd ta' kriterji jkunu ssodisfati, inkluż il-kisba ta' diversifikazzjoni ġeografika u l-promozzjoni ta' soluzzjonijiet finanzjarji u ta' riskju innovattivi biex jindirizzaw fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet ta' investiment mhux ottimali. Madankollu, biex ikun żgurat li t-teħid tal-garanzija tal-InvestEU jkun ibbilanċjat, f'termini ġeografiċi u settorjali iżda wkoll f'termini ta' parteċipazzjoni minn banek u istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali (NPBIs) u tad-daqs tal-proġetti, hu ġustifikat li ssir aktar diskussjoni fuq l-allokazzjoni tal-25%. Waqt li l-approċċ immexxi mid-domanda għall-allokazzjoni tal-garanzija tal-UE huwa fil-qalba tal-proposta tal-Kummissjoni, dan l-approċċ jista' jiġi komplementat b'aktar prinċipji gwida, li jfittxu l-kisba ta' riżultat aħjar għall-istati membri b'setturi finanzjarji inqas żviluppati.
12. Jistgħu jiġu integrati salvagwardji addizzjonali biex jiżguraw li l-aċċess dirett igawdu minnu għadd ikbar ta' sħab fl-implimentazzjoni, jaħdem favur il-kopertura ġeografika u ma jsirx strument ta' konċentrazzjoni.
13. Barra minn hekk, jidher li hemm appoġġ ġenerali għar-rilaxx gradwali tal-garanzija tal-UE lil sħab oħra fl-implimentazzjoni li mhum iex il-BEI.
- B'liema prinċipji, fil-fehma tal-Ministri, għandhom jitqassmu l-25% tal-garanzija tal-UE lil sħab oħra fl-implimentazzjoni li mhum iex il-BEI?

### III. KONKLUŻJONI

14. F'dan il-kuntest, il-Kunsill hu mistieden biex:
- ikollu skambju ta' fehmiet dwar is-suġġetti ppreżentati hawn fuq, bil-għan li tingħata gwida politika għall-ħidma li jonqos issir;
  - jinkariga lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji biex ikompli jeżamina l-proposta bil-għan li jinkiseb approċċ ġenerali malajr kemm jista' jkun.

